MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 96/2006

Air Malta p.l.c.
vs
Jet-Tech Limited bhala debitrici u l-kuraturi Dr. Martin Fenech u l-P.L. Luisa Tufigno bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Stephen David Mason u Dolores sive Doreen Mason b'digriet tal-10 ta' Novembru 2005

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors ta' Dr. Godwin Aquilina ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Air Malta p.l.c. li bih espona:

**1.** Illi l-konvenuta Jet-Tech Limited kienet debitrici versu l-kumpanija rikorrenti ghas-somma ta' wiehed u tletin elf erba' mija u sitta u sittin lira u erbgha u sittin centezmu **(LM31,466.64).**

2. Illi mill-ismemmi debitu s-somma ta' wiehed u ghoxrin elf u erbgha u disghin lira (LM21,094) kienet tirapprezenta bilanc minn somma akbar ammont rikonoxxut bhala dovut fi skrittura privata tat-22 ta' Gunju 2004 kif emendat permezz ta' ftehim iehor tat-2 ta' Lulju 2004, anness mar-rikors bhala dokument A, li minnu kellhom jithallsu erbat elef hames mija u sebgha u erbghin lira Maltija (LM4547) fit-30 ta' Settembru 2004 u sittax-il elf hames mija u seba' u erbghin lira (LM16,547) fil-31 ta' Awissu 2005, filwaqt li s-somma ta' sebat elef u tmienja u tmenin lira (LM7088) kienet tirraprezenta bilanc dovut fuq *agreed minimum payment* fuq il-ftehim ta' assocjazzjoni *en participation* tal-15 ta' Gunju 2004 (Dokument B). Inoltre, tlett elef mitejn u erbgha u tmenin lira u erbgha u sittin centezmu (LM3,284.64) kienu dovuti bhala VAT.

3. Illi skond l-istess skrittura (dokument A) u skond kuntratt pubbliku tat-2 ta' Lulju 2004 (Dokument C), il-garanti Steve David Mason u martu Maria Dolores Mason kienu ggarantew il-modalita` ta' hlas tas-somma fuq imsemmija (Dok D).

4. Illi s-socjeta` intimata Jet-Tech Limited u l-garanti kienu naqsu li jhallsu s-somom fuq indikati nonostante li kienu gew interpellati kemm verbalment u kemm ufficjalment bil-miktub permezz ta' ittra ufficjali tal-21 ta' Ottubru, 2005.

Is-socjeta` rikorrenti AirMalta p.l.c. talbet lill-Qorti:

i. Tiddikjara li l-intimati huma debituri tal-kumpanija rikorrenti fl-ammont totali ta' wiehed u tletin elf erba' mija u sistta u sittin lira Maltija u erbgha u sittin centezmu (LM31,466.64)

ii. Tikkundana lill-intimati jhallsu s-somma msemmija ta' wiehed u tletin elf erba' mija u sitta u sittin lira Maltija u erbgha u sittin centezmu (LM31,466.64)

iii. Tikkundanahom ukoll ihallsu l-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 t'Ottubru, 2005 u l-imghaxijiet legali mid-data ta' kull skadenza sal-pagament effettiv.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Dr. Martin Fenech u tal-P.L. Luisa Tufigno li biha esponew:

1. Illi huma ma kienux infurmati jew edotti mill-fatti u l-anqas kellhom indirizz fejn jigu kkuntattjati l-imsemmija assenti minn Malta.

2. Illi l-kuraturi rriservaw risposti ulterjuri meta jkunu jafu l-fatti bid-dettal.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kuraturi deputati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat illi s-socjeta` intimata Jet Tech Limited ghalkemm debitament notifikata skond il-ligi ma pprezentat ebda risposta u ghalhekk baqghet kontumaci.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Illi t-talbiet rikorrenti jidhru gustifikati u l-Qorti ghalhekk qedha tilqaghhom fis-sens li tiddikjara li l-intimati huma debituri tal-kumpanija rikorrenti fl-ammont totali ta' wiehed u tletin elf erba' mija u sitta u sittin lira Maltija u erbgha u sittin centezmu (LM31,466.64). Tikkundanna lill-istess intimati jhallsu s-somma msemmija ta' wiehed u tletin elf erba' mija u sitta u sittin lira Maltija u erbgha u sittin centezmu (LM31,466.64).

Spejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-21 t'Ottubru, 2005 u l-imghaxijiet legali mid-data ta' kull skadenza sal-pagament effettiv kontra l-intimati. Il-Qorti tordna li provizorjament id-dritt tal-kuraturi jithallas mis-socjeta` rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------